# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 56

L-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2011 fil-5.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar, fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu preżenti s-Sindku, l-Vici Sindku, w l-Kunsillieri, Vincent Farrugia, Peter Buontempo, Raymond Azzopardi, Valerie Borg u Mario Camenzuli.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 55 li saret nhar It-Tlieta 8 ta' Novembru, 2011, kienu konfermati.

**ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

- Is-Sindku nforma li ta' inkarigu lil uffiċjal inkarigat mill-affarijiet barranin Fabian Galea biex jesplora xi possibilitajiet li jista jkun hemm biex il-kunsill japplika għal-fondi ewropej biex jkun ta' sosten għal proġett li ġie preżentat fl-aħħar laqgħa. Il-proposta ta' Parkeġġ addizjonali fil-Belt Valletta kif ukoll entratura ġdida min Triq Nofs in-Nhar.

- Is-Sindku nforma li wara li issa x-xogħol fi Triq San Pawl lest, ser isiru r-*road markings* kif ukoll sistema ta' *Cat eyes*, biex persuni li jipparkjaw jkun jistaw jarfu l-kulur tal-*parking bay* anke fil għaxija.

- Is-Sindku nforma li qed jitkomplew l-proċeduri neċessarji biex tinbeda Triq San Nikola fil-bidu ta' Jannar 2012.

- Is-Sindku nforma li xogħol fil-blokkok tal-*housing* miexi b'ritmu tajjeb. Saret laqgħa dwar l-iskema tas-sena d-dieħla w gew infumata bit-tibdil. Fil-Fuljet li jmiss ser ikun hemm l-applikazzjonijiet neċesssarji għar-residenti.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

- Is-Sindku nforma lil kunsillieri dwar lista ta' żjarat u attivitajiet li kienu ser jinvolvu l-kunsillieri fix-xahar ta' Diċembru.

  Dawn jinkludu:
  - Iż-Żjara ta' Hon. Chris Said fi Triq San Pawl.
  - Il-*Concert* tal-Milied tat-tfal tal-Belt
  - Iż-Żjara ta' l-Hon. Chris Said fl-Uffiċini tal-Kunsill Lokali.
  - Possibilita' tal-ftuħ tal-Ġnien Mattia Preti (pero l-kunsill għadu jistenna l-*complaince* tal-MEPA.)
  - Press Conference: New Year's Eve.

- Is-Sindku nforma dwar l-għotja ta' premjijiet tal-*Photo Competition*. Ser jiġi deċiż meta tista ssir l-attivita'.

**KORRISPONDEZA**

- L-Kunsill kien rċieva talba biex isiru *Electronic Bill Boards* fil-Belt Valletta. Il-Kunsill talab aktar informazzjoni dwar il-pożizzjoni li dan qed jipproponi. L-Kuntrattur tagħna aktar informazzjoni dwar l-pożizzjonijiet.

Waqt il-Lagħqa tal-Kunsill ġie deċiż l-aħjar post. Saret diskussjoni dwar kemm għandu jintalab bħala kerha. Is-Sindku kien ta' l-inkarigu lil kunsillier Raymond Azzopardi biex jara kemm normalment jinkrew dawn il-bill boards. Il-Kunsillier Azzopardi nforma li minn informazzjoni li għandu l-prezz għandu jkun viċin €1,500.00 kull xahar. Fl-Aħħar ġie konkluż li s-seġretarju eżekuttiv għandu jinforma lil kuntrattur biex jintlaħaq ftehim.

**MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERI**

Kunsillier Mario Camenzuli staqsa dwar l-iskema tal-*housing authority*. Staqsa speċifikament dwar il-blokka ta' Triq Santa Lucija. Ir-Residenti ta' din il-blokka staqsew dwar ix-xoghol li kellu jsir u jekk kellux isir ix-xogħol kollu kif kienu talbu huma.

Is-Seġretarja spjeġat għal darba oħra kif taħdem l-iskema. Peress li l-amount allokat mill-*housing authority* huwa €5000.00, wieħed jrid jifhem li l-ammont huwa limitat u x-xogħol li sar kien l-aktar li kien prijorita'. Kif kien spjeġat fl-aħħar laqgħa ser joħorġu aktar skemi biex ir-residenti ta' dawn l-blokki jkunu jistgħu jibbenefikaw min aktar fondi.

Is-Seġretarja tal-Kunsill infurmata lil kunsill li l-*Vacation Leave* ta' l-impjeġati Tony Galea, Emy Micallef, Dominic Polidano u tas-seġretarja stess li għadu ma t-tieħidx sal-aħħar tas-sena kien ser jiġi mġedded għas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel ukoll li l-impjegati għandhom jieħdu xi granet leave skond Memo 119/2011, li fl-24 u fil-31 ta' Diċembru l-kunsill kien ser jinżamm magħluq. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

**TMIEM**

Fil-6.30pm intemmet is-Seduta.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku